# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 29**

**Avviz numru 502/01/SM**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Alpha Catering Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin Lira (LM882) rappresentanti import ta' disa' (9) kambjali, ta' LM98 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Settembru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghall-LM25, oltre l-imghax ulterjuri sal-**

**pagament effettiv bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fl-4 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**